

### Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors, ir-rikorrenti jinwokaw, essenzjalment, motiv uniku, ibbażat fuq il-fatt li l-atti kkontestati huma motivati b'mod vag u sinjifikattivament invizzjati bi żbalji manifesti ta' evalwazzjoni. Skont ir-rikorrenti, il-miżuri restrittivi adottati mill-Kunsill fil-konfront tagħhom huma infondati kemm fil-fatt u anki fid-dritt. Barra minn hekk, il-Kunsill wettaq diversi irregolaritajiet li kull waħda minnhom hija ta' natura li tkun ta' bażi għall-annullament tal-atti kkontestati.

---

### Rikors ippreżentat fl-24 ta' Awwissu 2017 – Primart vs EUIPO – Bolton Cile España (PRIMART Marek Łukasiewicz)

(Kawża T-584/17)

(2017/C 374/63)

Lingwa tar-rikors: l-Ingliż

### Partijiet

Rikorrenti: Przedsiębiorstwo Produkcyjno-Handlowe "Primart" Marek Łukasiewicz (Wołomin, il-Polonja) (rappreżentant: J. Skołodą, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell: Bolton Cile España, SA (Madrid, Spanja)

### Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO

Applikant għat-trade mark kontenzjuża: ir-rikorrenti

Trade mark kontenzjuża kkonċernata: it-trade mark verbali u figurattiva tal-Unjoni bil-kuluri aħmar, abjad u blu skur, li tinkludi l-elementi verbali "Primart Marek Łukasiewicz" – Applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 13 682 299

Proċedimenti quddiem l-EUIPO: proċedimenti ta' oppożizzjoni

Deċiżjoni kkontestata: id-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-EUIPO tat-22 ta' Ġunju 2017 fil-Każ R 1933/2016-4

### Talbiet

- tannulla d-deċiżjoni kkontestata;
- tikkundanna lill-EUIPO u lill-intervenjenti għall-ispejjeż tal-proċeduri, inklużi l-ispejjeż sostnuti quddiem il-Bord tal-Appell.

### Motiv invokat

- Ksur tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament Nru 207/2009.

---

### Rikors ippreżentat fit-2 ta' Awwissu 2017 – Serra Noguera et vs SRB

(Kawża T-592/17)

(2017/C 374/64)

Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol

### Partijiet

Rikorrenti: Juan Carlos Serra Noguera (Sant Jordi de ses Salines, Spanja) u 56 rikorrent ieħor (rappreżentant: R. García-Bragado Acín, avukat)